**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta tal-Kolliżjonijiet**

**Sentenza**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**v**

**Maria Paris**

Illum, 21 ta' Ġunju 2017

Il-Qorti:

Rat li Maria Paris [...] I.D. 173362 (M).

Akkużata talli fit-13/05/2016 ghall-habta ta' 08:00hrs fi Triq Aldo Moro, Marsa saqet vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCC 024;

1. B'manjiera traskurata;
2. B'manjiera perikoluża;
3. U bla kont;

4. U aktar b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġunat ħsarat involontarji fuq 'mobile' għad-dannu ta' Charles (Carmel) Micallef;
5. Kif ukoll b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontartjament ikkaġunat offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Charles (Carmel) Micallef skont kif iċċertifikat Dr. Charlene Magri M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa, Paola.

Rat l-artikoli:

1. Sec 15(1)(a)(2), tal-Kap 65;
2. Sec 328(d), tal-Kap 9;
3. Sec 226(1)(c), tal-Kap 9.

Rat l-affidavit tat-tabib Dr. Charlene Magri prodott mill-Prosekuzzjoni;

Semgħat ix-xhieda tal-persuna feruta Charles Micallef u rat d-dokumenti minnu esibiti;

Semgħet lill-abbli avukati difensuri tal-parti ċivili u tal-imputat jitrattaw il-każ;

Illi jirriżulta li l-parte leża, Charles Micallef, għall-ewwel qal lill-Pulizija li ma riedx jieħu passi kontra l-imputat iżda mbagħad biddel fehemtu. Trattandosi ta' akkuża ta' feriti ħfief, il-ħames akkuża tiddependi mill-kwerela tal-parti; u trattandosi ta' ħsara ta' inqas minn €1,1164.69, ir-raba' akkuża wkoll tiddependi mill-kwerela tal-parti. Il-Qorti tinnota wkoll li l-ebda prova tal-entita` tal-ħsara fiċ-ċellulari ma ġiet prodotta.

Illi f'każijiet bħal dawn, fejn l-azzjoni kriminali tiddependi mill-kwerela tal-parti leża, ir-remissjoni jew fi kliem ieħor ir-rinunzja għall-istanza avvanzata mill-kwerelant iġġib l-estinzjoni tal-azzjoni penali; l-istess bħal ma jġibu l-estinzjoni kawżi oħrajn bħall-preskrizzjoni u l-mewt tal-imputat. Ġaladarba l-azzjoni tkun ġiet estinta, ma tistax tiġi rxuxtata; f'dan il-każ billi l-parte lesa tbiddel fehemtha.

Illi m'hemmx dubbju li l-imputata saqet b'manjiera ttraskurata meta ma żammitx *a proper lookout* bil-konsegwenza li ma lemħitx il-motorcycle misjuq minn Charles Micallef qabel ħabtet miegħu u dan meta dan tal-aħħar kien għaddej għad-dritt u kienet hi li nvadiet il-karreġġjata tiegħu billi daħlet fiha mill-karreġġjata tal-lemin.

Għaldaqstant din il-Qorti tiddikjara r-raba u l-ħames akkużi estinti, ma ssibx lill-imputat ħatja tat-tieni u t-tielet akkużi billi dawn ma jirriżultawx u konsegwentement tilliberaha minnhom, iżda ssibha ħatja tal-ewwel akkuża, u wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat għal multa ta' €150 u tissospendilha l-liċenzji kollha tas-sewqan għal żmien tmint ijiem b'effett minn nofsilejl tallum.

Grazio Mercieca LL.D.
Maġistrat